MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2005

Citazzjoni Numru. 834/2003

**A**

**vs**

**B**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 13 ta’ Awissu 2003 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-attrici zzewget lill-konvenut fil-Knisja Parrokjali tal-Mellieha fit-22 ta’ Lulju 2001;

Illi l-kunsens tal-kontendenti nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u tal-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Illi *inoltre* l-kunsens tal-kontendenti ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b' diffett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha;

Illi l-konvenut issimula l-kunsens tieghu ghal dan iz-zwieg;

Illi ghalhekk iz-zwieg ikkontrattat mill-kontendenti fit-22 ta' Lulju 2001 huwa null u bla ebda effett fil-ligi;

Illi l-istess attrici talbet lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat mill-kontendenti fit-22 ta' Luju 2001 huwa null u bla effett legali, u taghti dawk il-provvedimenti kollha l-ohra illi jkunu opportuni f' dan ir-rigward;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt biex jidher ghas- subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attrici w il-lista tax-xhieda a fol. 3 u fol. 4 tal-process.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut B datata 25 ta' Novembru 2003, a fol. 11 tal-process fejn eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi filwaqt li jaqbel li z-zwieg bejn il-kontendenti ghandu jigi dikjarat null, hu ma jaqbilx li dan ghandu jkun ghar-ragunijiet imputabbli lilu imma ghandu jigi dikjarat null minhabba ragunijiet imputabbli lill-istess attrici;

2. Illi fic-cirkostanzi m' ghandux ibaghti ebda spejjez;

3. Illi salv' eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut B u l-lista tax-xhieda a fol. 12 u fol. 13 tal-process.

Rat in-nota tal-attrici Foina Felice li permezz taghha prezentat l-affidavit taghha, ta’ Margot Antoinette Tabone, ta’ Neil Felice, ta’ Peter Zarb, ta’ Arthur Felice, ta’ Sharon Falzon, ta’ Claire Marie Zarb u ta’ Catherine Zarb.

Rat in-nota tal-konvenut datata 10 ta’ Marzu 2004 fejn gie pprezentat l-affidavit tieghu, ta’ Edward Vella, ta’ Ingrid Vella, ta’ Ressie Vella, ta’ Sandra Cortis, Maria Gatt, Nancy Muscat u Michael Calleja.

Rat il-verbal datat 3 ta’ Frar 2004 fejn Dr. Stephen Thake ghall-attrici ddikjara li ma ghandux provi aktar. Il-Qorti kkonfermat id-digriet taghha tad-9 ta’ Ottubru 2003 u nnominat lil Dr. Kenneth Gulia bhala Assistent Gudizzjarju biex jiffissa seduta wahda ghall-kontroezamijiet relattivi.

Rat is-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia fis-17 ta’ Marzu 2004.

Rat il-verbal datat 20 ta’ Mejju 2004, fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-24 ta’ Frar 2005.

Rat il-provi kollha prodotti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (I) PROVI PRODOTTI.

Rat l-affidavit tal-attrici **A** minn fol. 16 sa fol. 41, ta’ hu l-attrici **Neil Felice** minn fol. 42 as fol. 44, tal-habib tal-partijiet **Peter Zarb** a fol. 45, ta’ missier l-attrici **Arthur Felice** minn fol. 46 sa fol. 48, ta’ omm l-attrici **Josephine Felice** minn fol. 49 sa fol. 56, tal-habiba tal-attrici **Sharon Falzon** a fol. 57 u fol. 58, ta’ habiba ohra tal-attrici **Claire Marie Zarb** a fol. 59 u fol. 60 u taz-zija tal-attrici **Catherine Zarb** minn fol. 61 sa fol. 63 tal-process. Tali affidavit gew prezentati permezz ta’ nota tal-attrici datata 25 ta’ Jannar 2004.

Rat ukoll ix-xhieda bl-affidavit tal-**konvenut,** ta' **Edward Vella**, ta' **Ingrid Vella**, ta' **Tessie Vella,** ta' **Sandra Cortis**, **Maria Gatt**, **Nancy Muscat u Michael Calleja** kollha prezentati permezz ta' nota tal-konvenut datata 10 ta' Marzu 2004.

## (II) <u>PRINCIPJI LEGALI.</u>

Illi l-attrici qed tibbaza t-talba taghha abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligjiet ta' Malta.**

Illi jinghad fl-ewwel lok li ghalkemm ma sartix opposizzjoni ghall-annullament ta' dan iz-zwieg *da parte* tal-konvenut B, xorta din il-Qorti ghandha tezamina jekk it-talba attrici hijiex legalment fondata, u dan ghaliex l-istatut taz-zwieg huwa l-bazi li fuqu hija mibnija s-socjeta' nostrali u dan huwa ta' ordni pubbliku.

Illi l-attrici ssemmi bhala wahda mill-bazi tat-talba taghha ghall-annulament l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** li jipprovdi li zwieg ikun null jekk *"vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg"*.

Illi b'difett serju ta' diskrezzjoni, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku. Li kieku l-legislatur irrikjeda maturita' shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' <u>*discretio judicii*</u> hu kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg.

Illi kif jispjega ***Bersini***, id-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti u interdipendenti:-

*"la piena avvertenza e il deliberato consenso….La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato*

*consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita' di giudizio e la maturita' affettiva…. La maturita' di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all'atto da compiere, agli oblighi essenziali da assumersi e ai doveri cognugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita' affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita' che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta' e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi' una mancanza di consenso libero (immaturita' affettiva) e ponderato (immaturita' di giudizio)"* ***(Bersini. F.,*** **Il Diritto Canonico Matrimoniale (Torino, 1994)**, p. 97.)

Illi l-istess awtur ikompli jispjega li *"e necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazzione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l'eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrare, per qualsiasi motivo, la capacita' intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravemente alterata o ad dirittura mancante, si dovra' ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio. "……..se il soggetto non e' in grado di superare (i) condizionamenti interiori, allora si dira' che la scelta di lui non e stata libera; In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe' col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa' coniugale, sia nei rigwardi dell' altra parte sia nei rigwardi della parole"* ***(Pompedda, MF.,*** **Incapacita' di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento (Bologna, 1991)**, pp. 231, 233).

Illi l-awtur ***Viladrich*** jispjega li:-

*"The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring"* **(*Viladrich, P.J.*, Matrimonial Consent in Code of Cannon Law Annotated (Montreal, 1993*)***, *p. 686).*

Illi l-attrici bbazat t-talba taghha anke' fuq l-**artikolu 19 (1) (f)** li min-naha l-ohra jipprovdi li z-zwieg ikun null:-

*"**(f)** "jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg".*

Illi dan is-sub-artikolu wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** minn din il-Qorti kif presjeduta (Cit. Nru. 1019/98/RCP – deciza fid-9 ta' Marzu 2000) **u "Mark Spiteri vs Susan Margaret Spiteri"** (P.A. (RCP) 27 ta' Frar 2001) u a skans ta' ripetizzjoni qed issir referenza ghall-principji hemm enuncjati. Illi *inoltre* fis-sentenza **"Theresa Taguri nee Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe"** (Cit. Nru. 3130/96/NA – deciza P.A. (NA) fl-10 ta' Novembru 1999) gie ritenut illi:-

*"Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex neccesarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu mmedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens".*

Illi tal-istess portata hija s-sentenza **"Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) 1 ta' Frar 2001); **"Joseph Gabriel vs Dr. Georg Sapiano**

**nomine"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **"Carmen El Shimi gja Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi"** (P.A. (NA) 20 ta' Gunju 2000); **"Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim"** (P.A. (NA) 31 ta' Mejju 2000); **"Ousama William Hfez Sadallah vs Doris Dalli"** (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000) u **"Albert Grech vs Josette Grech"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002 Cit Nru 793/01/RCP), u **"Joseph Mizzi vs Pauline Mizzi"** (P.A. (RCP) 1 t'Ottubru 2002 Cit Nru 50/02/RCP) u hafna ohrajn li din il-Qorti taghmel riferenza ghalihom.

**(III)** **<u>APPREZZAMENT TAL-PROVI.</u>**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-partijiet izzewgu fit-22 ta' Lulju 2001, izda f'inqas minn sentejn kienu gja sseparaw legalment.

Illi minkejja li damu bejn it-tlett snin u erba' snin johorgu flimkien, jidher car li huma kkoncentraw sabiex jistabilixxu ruhhom fix-xoghol taghhom u wkoll sabiex jistabilixxu r-residenza taghhom; b'hekk jidher car mir-rakkonti estensivi ta' kull parti (ta' l-attrici ghal xi raguni bl-ingliz) li huma traskuraw ir-relazzjoni ta' bejniethom, ghalkemm ghall-ewwel deher li dan ma' waqafhomx milli jkollhom relazzjoni intimi qabel iz-zwieg, li kawza ta' l-istess l-attrici kienet inqabdet tqila, izda kollox spicca fix-xejn. Minhabba dan ddecidew li jwaqqfu r-relazzjoni sesswali taghhom, u jidher li din baghatet lill-partijiet iktar il-boghod minn xulxin, tant li jista' jinghad li meta zzewgu l-partijiet kienu litteralment gja birdu minn xulxin. Tant huwa minnu dan li wara li din il-Qorti rat ix-xhieda kollha prodotta hija thoss li mix-xhieda ta' kull parti, ma huwiex car ghaliex fl-ahhar mill-ahhar l-istess partijiet inghaqdu ma' xulxin fiz-zwieg, hlief ghall-fatt li kienu hadmu hafna sabiex jistabilixxu ruhhom fix-xoghol taghhom u wkoll sabiex jarmaw darhom.

Illi minkejja dan jidher li l-istess partijiet kienu gja sa dak il-mument tilfu l-perspettiva taz-zwieg u certament izzewgu ghaliex id-decizjoni kienet itihdet u mhux ghaliex kienu jhobbu lill xulxin. Fil-fatt jirrizulta li kull parti kienet tara kif tokkupa ruhha sabiex tevita kuntatt intimu mal-parti l-ohra,

u hafna mix-xhieda ta' kull parti hija dedikata sabiex parti twahhal fl-ohra sabiex tghid li kienet il-parti l-ohra li kienet qed tfittex sabiex tevita lin-naha l-ohra. Il-verita' hija li hadd minnhom ma' kien jissaporti lin-naha l-ohra. Fil-fatt ir-rakkonti rispettivi tal-partijiet huma mimlija b'akkuzi lejn in-naha l-ohra u xejn izjed.

Illi fil-verita' din il-Qorti hija konvinta li l-istess partijiet ma' kellhom l-ebda affjatament bejniethom; izda dan ma' huwix bizzejjed sabiex iwassal ghal annullament taz-zwieg minhabba vizzju ta' kunsens ta' part jew ohra jew tat-tnejn.
Izda din il-Qorti thoss li dak li certament iwassal ghall-vizzju ta' kunsens ta' parti u ta' l-ohra, huwa l-fatt li hadd mill-partijiet fil-mument li zzewgu ma' kien kapaci jirrifletti fuq l-element essenzjali taz-zwieg. Fil-fatt hadd minnhom ma' dahal f'impenn mal-parti l-ohra mibni fuq r-rispett reciproku u fuq l-imhabba lejn xuxlin u lejn in-nuklewu gdid tal-familja li suppost ikkreaw bil-weghdi taghhom, u dan ghaliex kellhom nieqes ghal kollox l-element ta' *consortium vitae* li huwa l-bazi tal-hajja mizzewga.

Illi fil-fatt kull parti tat importanza biss dak li kien materjali ghaliha u xejn izjed, izzewgu ghaliex kienu komdi mexjin ghall-piz flimkien, u wara li inqattaw ir-relazzjonijiet sesswali ta' bejniethom qabel iz-zwieg, birdu ghal kollox ghal xulxin, pero' mheddija kif kienu bix-xoghol, xorta komplew jmexjin ghac-cerimonja tat-tieg, li kienet biss reali fil-forma taghha, izda nieqa minn kull impenn spiritwali min parti u minn ohra. Din ma setghatx tinheba ghal dejjem, anzi meta l-koppja bdiet tghix flimkien immanifestat ruhha mill-ewwel u fil-fatt kull parti bdiet tahrab lill-parti l-ohra u tifittex interessi ohrajn. Il-konvenut sahanistra f'mara ohra,

Illi ghalhekk f'dan l-isfond din il-Qorti thoss li l-kunsens ta' kull parti kien vizzjat abbazi ta' **l-artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta,** minhabba nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga minn kull parti u ghalhekk iz-zwieg ta' bejniethom ghandu jigi ddikjarat null u bla effett ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut biss inkwantu huma b' xi mod inkompatibbli ma' dan hawn deciz, **tilqa' t-talba attrici** biss fis-sens hawn deciz b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat mill-kontendenti fit-22 ta' Lulju 2001 huwa null u bla effett legali u dan ghaliex il-kunsens ta' kull parti kien vizzjat abbazi ta' **l-artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

BI-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------